

DEĊIJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-25 ta' Ġunju 2008

li temenda d-Deċiżjoni 2004/706/KE fir-rigward tal-lista tal-membri tal-Forum Ewropew dwar it-Tmexxija Korporattiva

(2008/598/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Billi:

- (1) Bħala waħda mill-azzjonijiet imħabbra fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Modernizzazzjoni tal-Liġi tal-Kumpaniji u t-Titjib tat-Tmexxija Korporattiva ta' Mejju 2003⁽¹⁾, il-Forum Ewropew dwar it-Tmexxija Korporattiva twaqqaf bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2004/706/KE⁽²⁾.
- (2) L-għan tal-Forum Ewropew dwar it-Tmexxija Korporattiva huwa li jħeġġeġ l-identifikazzjoni u l-iskambju ta' l-aħjar prattiki li jeżistu fl-Istati Membri sabiex jiżgura livell għoli ta' tmexxija korporattiva fl-Unjoni Ewropea kollha u sabiex iservi ta' korp ta' riflessjoni u dibattitu, li jagħti pariri lill-Kummissjoni dwar il-qasam tat-tmexxija korporattiva.
- (3) Il-Forum Ewropew dwar it-Tmexxija Korporattiva, fit-tliet snin li ilu jeżisti, kellu sehem sinifikanti fid-diskussjoni fl-Unjoni Ewropea dwar it-tmexxija korporattiva u ta' kontribut importanti għall-ħidma tal-Kummissjoni f'dan il-qasam.

(4) Il-mandat ta' tliet snin tal-membri attwali spiċċa fis-17 ta' Ottubru 2007. Skond l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2004/706/KE, il-membri għandhom jibqgħu jservu sakemm tittieħed deċiżjoni dwar is-sostituzzjoni jew it-tiġidid tal-ħatra tagħhom.

(5) Il-lista tal-membri li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni 2004/706/KE għandha għalhekk tinbidel b'lista ġidida ta' membri għall-perjodu li jmiss ta' tliet snin.

IDDECIDIEK KIF ĠEJ:

Artikolu uniku

Il-lista tal-membri li tinsab fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Ottubru 2004 għandha tinbidel bil-lista li tidher fl-Anness.

Magħmulu fi Brussell, 25 ta' Ġunju 2008.

*Għall-Kummissjoni
Charlie McCREEVY
Membru tal-Kummissjoni*

⁽¹⁾ COM(2003) 284 finali
⁽²⁾ ĠU L 321, 22.10.2004, p. 53.

ANNESS

- Bistra Boeva,
 - Antonio Borges,
 - Niklas Bruun,
 - Bertrand Collomb,
 - David Devlin,
 - Jose Maria Garrido Garcia,
 - Peter Montagnon,
 - Klaus-Peter Müller,
 - Colette Neuville,
 - Roland Oetker,
 - Rolf Skog,
 - Marek Sowa,
 - Trelawny Williams,
 - Jaap Winter,
 - Eddy Wymeersch.
-